B'danakollu, il-ġid li għamlu l-Maltin ta' barra—u dan il-ġid jibqa' dejjem siewi sakemm isiru reċti bil-Malti wkoll ta' stil li ma jgħoddx għal żmienna—huwa tassew kbir u jeħtieġ li jkun magħruf minn kulħadd u mifhum tajjeb, għax is-sagrifiċċji tad-dilettanti Maltin li jinsabu barra, kemm imħabba fiċ-ċokon tal-pubbliku mitluf fost eluf u eluf ta' barranin u li għadd kbir minnhom joqogħdu ħafna mili 'l bogħod miċ-ċentru tal-Belt fejn jinsabu t-Tijatri, u kif ukoll għan-nuqqas ta' produzzjonijiet (nista' ngħid li kull meta l-Maltin ta' Barra talbu xi produzzjonijiet minn Malta dawn baghtulhom ħafna antikalji u b'hekk issoktaw iżommuhom lura flok għenuhom jimxu 'l quddiem), huma tassew kbar u n-nuqqasijiet tagħhom, huma x'inhuma, jeħtieġ ikunu magħdura u maħfura.

Jien daqshekk naf fuq il-Palk Malti barra minn Malta. Jekk xi ħadd jaf aktar minni huwa fid-dmir li jżid ma' dak li għidt jien dak li jaf huwa ħalli jibqa' mniżżel fl-istorja ta' Malta u l-letteratura tagħha u. sa fejn naf jien, ma hemmx imkien fejn jinkiteb aħjar minn f'"Il-Malti" li huwa l-organu uffiċjali tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

San Ġiljan, 14 ta' Lulju, 1946.

---

**GHAQAL TA' MARA**

**SOMEREST MAUGHAN fil-ktieb tiegħu "The Summing Up" igħid li ommu kienet daqshekk sabiħa u missieru daqshekk ikrah illi, fil-belt ta' Pariġi, kienu magħrufin il-waħda bħala "Sbuħija" (Beauty) u l-ieħor bħala "Bhima" (The Beast).**

**Darba waħda, jissokta jgħid l-Awtur, waħda ħabiba kbira t'ommu, is-sinjura Anglesey, qaltilha: "Inti daqshekk sabiħa u hawn daqshekk nies li jħobbuk x'inhu li bqajt hekk fidila ma' dak id-daqsxejn ta' raġel ikrah li żżewwiġt?" U ommu weġbitha: "Dak qatt ma jiksirli qalbi."**

p. P. T.



## SMAJT RUĦ TOKROB

*Ta'* Ġużè Ellul Mercer

Fost il-ħemda bla miksura,
Tal-belt siekta tal-mejtin,
Smajt ruħ tokrob u titniehed,
It-tnehida tal-ħajjin.

Ruħ imnikkta, li f'ħajjitha,
Qatt ma kellha waqt mistrieħ,
Minn ġuf ommha dlonk issallbet,
Fuq kalvarju mimli wġigħ.

U fl-uġigħ qattgħet żgħoritha,
U żgħożitha taħraq nar,
Saret raġel, mardet, kriehet,
U tgħidx kemm xorbot imrar!

Fettxet sliem u fettxet sabar,
Ħabbet, bagħdet u kemm bkiet!
Iżda mkien serħan ma sabet,
Sa ma waslet hawn, f'das-skiet.

Hawn f'das-skiet, li ġo fih jistor
Ġrajja li ma nkitbu qatt,
Ġrajja qliel, ta' qlub imċarrta,
Li ntemmew bla jafhom ħadd.

Hawn f'das-skiet, li jtemm il-għaja,
U li jifrex il-mistrieħ,
Il-mistrieħ bla tmiem—ta' dejjem—
Mingħajr ħolm, mingħajr uġigħ.

Mela għala smajtek tokrob,
Hawn ukoll, ja ruħ imqallba,
Fejn ġejt waħdi biex niftakrek,
Biex f'serħanek jien ngħid talba?

Iżda żiffa bejn il-weraq,
Tax-xwejjaħ ċipress fil-qrib,
Dlonk sejħitli u kellmitni,
Qaltli: "Ibni, dan il-krib,

Li qed tisma', hu krib qalbek,
Bint in-niket, bħal tal-bqija,
Dan jinstema' jidwi qawwi,
Fil-belt siekta tal-minsija."